*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 07**

**It-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**7.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**7.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli.

**7.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 6 tas-11 ta' Novembru 2019:***

**7.2.1** ***Il-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**7.2.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paġna 8 paragrafu 6.9.4 jekk waslux il-bins.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi ordnajnihom.

**7.2.3** Il-Viċi Sindku l-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paġna 9 artiklu 6.9.10 jekk għadniex risposta fuq is-servizz tad-District Surveillance Unit.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li ma għadniex risposta.

**7.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 6.2.3 fuq fiex wasalna fuq il-Waterpoint.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jsir arranġament bejn il-*Waterpoint* u l-*Cleaning Services Department.*

**7.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 6.2.5 rigward jekk applikajniex għal metre tal-ilma fi Ġnien Alfred Debono.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser napplikaw.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li s-Sur Joe Borg tan-Nexos infurmah illi qed jsib l-ilma ġol-kamra u għalhekk l-aħħar darba inqata id-dawl.

**7.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 6.7.4 jekk għandiex risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li staqsa mal-AKL u wieġbuh li kien hemm ħafna problemi fuq l-applikazzjoni għal fondi u allura se jsir il-WIFI xorta mingħajr fondi tal-EU.

**7.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 6.7.5 jekk għadniex risposta mill-Kunsill tal-Qala.

Is-Sindku wieġeb illi kienu stiednuna fis-6 ta' Diċembru iżda ma stajniex nattendu minħabba il-Milied Skaliż

**7.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 artiklu 6.7.7 jekk l-iskejjel ta' Marsaskala rieduhx jmorru l-Imdina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Iskola l-antika wrew interess għal private sħiħa filwaqt li mil-iskola l-ġdida għadna ma smajna xejn.

7.2.9 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 artiklu 6.3.4 fejn qal illi kien iltaqa mas-Sur Soler u l-ispiża tal-artwork 3D ser tiswa €2000 eskluż il-VAT u l-frame ser jiswa €1750 u l-idejali li jsiru 2 stands.

Huwa kompla jispjega illi s-Sur Fsadni min-naħa tal-MTA lesti li jirrimborsjaw lil-Kunsill tal-ispejjeż taż-żewġ boards li se jsiru filwaqt li l-kunsill inħallas għal artwork.

Il-Kunsill qabel li waħda issir ħdejn il-banka tal-lottu fi Pjazza Dun tarcis Agius u l-oħra fi Triq is-Salini faċċata tal-Kunsill.

7.2.10 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 artiklu 6.3.5 fejn qal illi l-ħarġa għall-Palazz tal-President kienet tħasret għaliex kien hemm xi nuqqas ta' ftehim fuq id-data u n-nies ġew rimborsati lura. Huwa kompla jgħid illi riedu jagħmlu data oħra pero` in-nies kienu diġa ġew rimborsati u għaldaqstant din il-ħarġa ma seħħietx.

7.2.10 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk kien hemm update fuq il-*briefing* tal-Jerma ta' paġna 7 artiklu 6.7.8.

Is-Sindku wieġbu li ma kienx hemm *update*.

7.2.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 6.9.1 jekk bgħatniex *reminder* mingħand il-Planning Authority rigward il-gaġġeġ tal-ħut.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li konna bagħtna *reminder*.

7.2.12 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 9 artiklu 6.9.9 fejn ried jgħamel kjarifika illi r-*reflectors* li kien talab biex isiru fil-parkeġġ tal-*Family park* għaliex hemm dlam ċappa u sadanittant tintbgħat applikazzjoni lil Enemalta sabiex isir dawl edekwat.

Is-Sindku qal illi tal-*Family Park* jridu jaċċettaw huma.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu kien tkellem ma rappreżentanti tal-*Family Park* u fejn huwa wrew ix-xewqa li jsir dawl edekwat.

7.2.13 Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri staqsa fuq paġna 10 artiklu 6.9.11 jekk għandiex risposta fir-rigward tat-*traffic lights* fi Triq Sant'Antnin quddiem l-*Inspire* fejn tlabna li jiġdiedu wkoll fi Triq il-Ġemmugħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tlabna lil TMalta

7.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

7.3.1 **<u>Skema Finanzjarja favur il-Komunita` - Community Inclusive Employment Scheme (35/5326/19/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-applikazzjoni ġiet aċċetta u ser jibda il-proċess. Huwa informa lil Kunsilliera biex jinħatar bord.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Bord jkun kompost mis-Sindku, l-Viċi Sindku Janice Falzon, il-Kunsillier Charlot Mifsud u lill--Kunsillier Dr. Patrick Camilleri ninfurmawh bid-data sabiex jekk ikun disponibbli jkun fil-bord ukoll.

**7.3.2 PA 6604/18 Fuel Station Triq Sant'Antin Marsaskala (35/5352/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-PA infurmawna illi il-Kunsill jista jaħtar pesuna sabiex jifforma parti mill-bord u jkollu dritt tal-vot. Huwa kompla jispjega illi l-Kunsill kien qabel mal-ewwel applikazzjoni li issir pompa tal-petrol, *carwash* u *tyre service* u il-Kunsill ma kienx qabel mat-tieni applikazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-Kunsill ma kienx qabel illi l-*footprint* tikber.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel laqgħa ser issir fit-12 ta' Diċembru 2019 u l-laqgħa għal pubbliku ser tkun fid-19 ta' Diċembru 2019.

Is-Sindku offra li jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill fil-bord tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**7.3.3 Pruning of Palm Trees:**

**Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta tlett stimi għat-tiżbir tal-palm. Li huma hekk kif ġej:**

David Debono - €5898.82 inkluż il-vat
C&S Services - €6000 eskluż il-vat
D. Holdings and Investments Ltd - €6490.00 inkluż il-vat

Il-Kunsill qabel unanimament li jintgħażel David Debono peress li hija l-orħos offerta.

**7.3.4 Railing mil-Jerma sa ħdejn il-Waterline:**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi hu kien mistieden għal seminar tal-FTZD fejn inħarġet tender min-naha tal-FTZD sabiex jinbidel ir-railing ta' Marsaskala u dan wara li l-lokalita` tagħna intgħażlet biex isir ix-xogħol fiha. Huwa kompla jispjega illi ser jinqala ir-railing mill-Ekx Jerma sal-Waterline jiġi blastjat u miżbugħ iswed sabiex jiġi pariġġ mal-bankijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk hux aħjar li jinbidel minflok jiġi irranġat peress li hemm ukoll biċċiet mir-railing li huma deterjorati. Huwa qal li huwa tal-fehma li jinbidel u forsi jsir tal-perspex ħalli ma jkunx hemm manutenzjoni fuqu.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li aħjar minflok jiggalvanizzaw issir bil-proċess tal-ionization.

Is-Sindku qal li ser jaqalgħu 5 metri railing kull darba.

- ***Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar daħal għal-laqgħa fis-6.50pm.***

**7.3.5 Tenders li ser jiskadu fis-sena 2020:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fis-sena 2020 ser nerġgħu noħorġu s-sejħa tal-offerti għal-kuntratt tal-Grass Cutting in NUR u l-offerta għal-kuntratt tal-Street Sweeping and Grass Cutting kif ukoll it-tender għal *Contracts Manager*.

Huwa kompla jgħid illi l-offerta tal-*Grass Cutting Nur* għandha tinħareġ bħal dik preċedenti filwaqt tal-I*street Sweeping and Grass Cutting* issir emenda illi minflokk jkun hemm 4 ħaddiema għal 4 siegħat kuljum tinbidel u issir 4 ħaddiem għal sitt siegħat kuljum u dan sabiex ikun hemm servizz aħjar.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li irridu nispeċifikaw fl-offerta tal-*istreet sweeping* illi ħaxix ta' fuq il-bankina jinqata b'mod frekwenti ukoll u li jridu jidħlu fil-lista tal-toroq l-isqaqin u t-toroq kollha ġodda li kelna speċjlament l-isqaq li jgħati minn Triq il-Maħsel sa Triq il-Qaliet.

Il-Kunsill qabel dwar dan u qabel illi l-knis jsir bejn is-7.30am u is-1.30pm

**7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

***7.5 Rapporti:***

**7.5.1 Preżentazzjoni tal-Budget għas-sena 2020:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-budget li ġie ppreżentat waqt il-laqgħa tal-lokalita` li saret nhar l-4 ta' Diċembru 2019.

Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri ippropona l-budget għas-sena 2020 u l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar issekonda.

***7.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra.

***7.7 Korrispondenza.***

**7.7.1 Fondi tal-Unjoni Ewropeja flimkien mal-Kunsill Lokali Kirkop u l-flus mhux ħa nirċievuhom peress li għadda żmien €3983.00:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan kien proġett li l-Kunsill kien issieħeb mal-Kunsill Kirkop madwar 15 il-sena ilhu fejn il-Kunsill kellu jirċievi xi fondi minn dan il-porġett, liema fondi qatt ma irċevejna u għaldaqstant hemm bżonn li jiġu *written off*.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**7.7.2 Żieda fin-notch tas-Sinjura Sharon Schembri u s-Sinjura Claire Attard:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi kemm is-Sinjura Sharon Schembri u kemm is-Sinjura Claire Attard waslu fiż-żieda tan-*notch*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.7.3 PA/08221/18 Triq Vittorio Cassar (35/5233/19I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din applikazzjoni fejn il-Kunsill kien oġġezzjona minħabba li hemm ċans li tabbeż il-height limitations.ġiet differita għaliex teċċediedi l-*height limitation.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsill jibgħat l-oġġezzjoni tiegħu fuq il-bażi li jridu jaderixxu mas-S*outh Local plan* u dan sabiex ma jinħoloqx preċedent.

7.7.4 **Toroq San Guzepp u San Gwann Battista u Sqaq in-Natura u Xatt ta' San Tumas Marsaskala (35/5236/19/I):**

Il-Kunsill iddiskuta il-proposti tal-*istreet naming committee* fuq ismijiet tat-toroq ġodda hekk kif ġej:

**7.7.4.1** Triq San Gwan Battista għandha tkun innumerata sal-garaxx bil-bieb abjad tal-Enemalta.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**7.7.4.2** L-isem Xatt San Tumas ma kienx aċċettat u minfloku jibgħata l-isem Xatt il-Batterija ta' Riħama

Il-kunsill qabel dwar dan.

**7.7.4.3** Minflok Sqaq in-Natura qiegħed ikun issuġerit li jissemma Sqaq l-Arzell.

Il-Kunsill ma qabilx għaliex diġa hemm Triq l-Arzell u għaldaqstant għandu jiġi issuġerit isem ieħor.

**7.7.4.5** Triq ġdida fi Triq ta' Monita tingħata l-isem jew Triq il-Militar jew Triq it-Trunċiera.

Il-Kunsill qabel li jingħata wieħed minn dawn l-ismijiet.

**7.7.4.6** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hemm triq bejn Triq il-Btieti u Triq Apap Bologna li qedgħa bla isem u għaldaqstant għandha tingħata isem.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu għal isem ġdid bl-isem Triq l-Istrinġatur.

7.7.5 **PA/06604/18 Fuel Station Triq Sant'Antnin**

Din diġa ġiet diskussa

7.7.6 **Klejm fuq tyre (35/5151/19/I) (35/5151/19/I):**

Is-Sindku qal illi is-Sur Curmi qed qed jitlob kumpens għal-ħsara li ġarrab fuq it-*tyre* minħabba ħofra li kien hemm fi Triq il-Gross liema ħsara tammonta għal €75.00

Il-Kunsill qabel li jagħtih lura sa 70% tal-ħsara.

7.7.7 **Douzelage Newsletter 1 Skofja Loka November 2019 (35/5147/19/I):**

Is-Sindku qal li is-sena d-diehla l-AGM ser jsir fi Skofja Loka fi Slovenia li ser jsir mis-7 sa 10 ta' Mejju 2019 u jrid jkun hemm 5 delegati.

Il-Kunsill qabel illi bħala delegati jitilgħu s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Bħala l-aħħar delegat ser tingħata l-preferenza lil Kunsillier is-Sur Ryan Portelli peress li huwa responsabli mid-Douzelage u jekk ma jkunx jista jitla titla minfloku il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud.

7.7.8 **Smart Bins in public spaces (35/5134/19/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm skema min-naħa tad-Dipartiment sabiex jqasmu *smart bins* fil-lokalitajiet u l-Kunsill applika għal *mixed waste bins* fi Triq is-Salini u Triq ix-Xatt.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hija tal-opinjoni li nġibu kemm il-*mixed waste bins* kif ukoll il-*mixed u recyling bins*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk ser nġibu tar-*recycling* ser jkollna problema meta ser jimtlew peress li l-granet li jitbatlu huwa darbtejn fil-ġimgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet biex nistaqsu lil *Cleansing Department* jekk jistgħux jbattluhom huma kif jgħamlu f'xi lokalitajiet oħra.

Il-kunsill qabel li meta jkunu mimlija ser jibqgħu mimlija sakemm tasal il-ġurnata li fiha ikun imisshom jitbattlu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa tal-opinjoni li nġibu sitta biss qabel ħalli nipruvawhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li umbgħad ma nkunu nistgħu nieħdu il-kumplament.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal 35 *mixed waste smart bins* u 20 *mixed* u *recyling smart bins* u dawn se jitwaħħlu fi Triq ix-Xatt u Triq is-Salini.

**7.7.9 Organic Waste Update (35/5221/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-kuntrattur tal-iskart kien issottometta rata waħda biss tal-borża s-sewda li tinġabar mil-*litter bins* kollha li jinsabu fil-promenade kull nhar ta' Tlieta, Erbgħa, Ġimgħa u Ħadd fejn m'hemmx speċifikat il-post fejn imma l-kuntrattur kien ħadem fuq ir-rata għal Sant'Antnin peress li qatt ma kien basar li l-impjant ta'Sant'Antnin mhux ser jibqa jilqa l-borża s-sewda. Huwa kompla jgħid illi peress li ser jsir tiswijja fuq l-Impjant ta' Sant'Antnin allura ll-iskart kollhu jrid jintrema ġewwa l-Magħtab u l-kuntrattur ma kienx ser joħroġ bir-rata ta' €70 + VAT li hija għal Sant'Antnin u għaldaqstant kien talab biex jitħallas €140 +VAT.

Huwa kompla jispjega illi hu flimkien mas-Sindku kienu kellmu lil kuntrattur li kien qed jitlob ħafna u għaldaqstant wasal f'kompromess li jitħallas €100 eskluż il-VAT.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa x'ser jiġri jekk l-iskart jerġa jiġi jibda mormi f'Sant'Antnin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Impjant ta' Sant'Antnin għandu jkun lest fit-tieni kwart tas-sena 2020 pero` xorta l-organiku u l-borża l-griża ser jiġi mormi fih. Huwa kompla jgħid illi f'każ li jkun hemm xi tibdil u l-iskart jerġgħa jibda jiġi mormi fl-Impjant ta' Santnin allura ir-rata terġa tiġi għal €70 + VAT.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir *memorandum of understanding* fejn ir-rata tkun ta' €100 eskluż il-vat għal kull ġurnata li tinġabar il-borża is-sewda f'dawn il-ġranet ta' matul il-ġimgħa minflok €70 u jekk il-borża is-seda terġa fil-futur tibda tiġi mormija fl-Impjant ta' Sant'Antnin allura ir-rata terġa taqa għal dik li kienet oriġinali fl-offerta.

**7.7.10 Unauthorised Workd in Marsaskala Triq id-Dahla ta' San Tumas (35/5237/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kull kuntrattur li jaħdem fit-toroq jrid jkollu garanzija bankarja mat-TMalta u għal kull biċċa xogħol li jkun irid jaħdem irid japplika mis-sistema tat-*trenching permit system*.

Huwa kompla jgħid illi l-kuntrattur tagħna qed jaħdem mingħajr permess u peress li m'għandux garanzija bankarja mat-TMalta allura TMalta qed jimmoltaw lil Kunsill għax-xogħol li sar bla permess. Il-multa tammonta għal €500 u €200 oħra talli m'għamilx dawl adekwat u protezzjoni matul il-lejl.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nikkontestaw din il-multa.

**7.7.11** **PC36/19 Triq is-Sikka (Sqaq fi Triq ta' Gidwet)(35/4889/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi sid din l-art wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġablu kopja tal-Kuntratt li turi illi dik il-propjeta` hija tiegħu u anke qallu li kellu kawża il-qorti u kien rebaħa.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal illi fl-aħħar laqgħa huma kienu iddiskutew u oġġezzjonaw fuq il-fatt li din l-art kienet art pubblika u issa ser tiġi art fabbrikabli. Huwa kompla jgħid ukoll illi wieħed jrid jara fuq xiex kienet is-sentenza li dan l-iżviluppatur rebaħ.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsillier Dr Errol Cutajajr jaqra il-kuntratt ta' bejgħ u anke jara fuq xiex kienet is-sentenza tal-qorti.

**7.7.12** **Espressjoni ta' Interess Ġbir ta' Skart Riċiżiklabbli (35/5106/19/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Green MT reġa bagħat kjarifika fuq ir-rikjesta tagħna tas-CCTV cameras mal-bring is sites, fejn qal illi l-moniteraġġ u sorveljanza issir biss mill-LESA jew id-Dipartiment tal-Cleansing.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex inkelmu lis-Sur Claudio Tonna u lis-Sur Stephen Cassar tal-LESA.

**7.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:***

**7.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*petty cash* għax-xahar ta' Novembru 2019.

**7.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-pagamenti li daħlu tard hekk kif ġej:

- Media Link Communications Ltd – Advert public meeting – Invoice No71230 - €82.13
- Ms. Doreen Mintoff – Accounting Service November 19 and mapping of chart of accounts – Invoice No 19-055, 19056 - €966.42
- Nexos Street Lighting – Supply and Isnatallation of 3 phase Triq ix-Xatt, Refurbishment of cast iron pole Zonqor, New globe and installation – Invoice No 2001434, 2011443 - €1976.50
- Catbors Ltd- Major road works and pavement works Triq id-Dahla ta' San Tumas, Triq il-Hortan, Triq tal-Hamrija, Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarcis and Triq ir-Ridott – Invoice No 032/19 - €40,152.60
- Oasis Ironmongery – Comsumables- Invoice No 15076 - €1.70
- Datatrak It Services – Pre Region ickets November 19 – Invoice No 1013084 - €48.40
- Racs Cleaning – Cleaning Services for the month of November – Invoice No KLMS.10 - €220.66
- Ms. Annalise Farrugia – Running of Public Convenience 13/10/19-12/11/19 and 13/11/19 – 12/12/19 - €4119.18
- C.E.B Metals Ltd – ViafixRoad Repair – Invoice No 5464- €988.84
- WasteServ Ltd- MSW October 2019 – Invoices 93474, 93192, 93130, 93423 - €6507.75
- Mr. Joseph Micallef – Van Repairs - €98.10

*Il-Kunsillier Is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.*

7.9 **Mozzjonijiet:**

7.9.1 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sinjura MaryRose Mifsud (029 – (18/11/19):**

*"Jipproponi li biex it- traffic calmers li saru d-Daħla ta' San Tumas jinqalgħu u jinbindlu fi speed cameras jew traffic lights u dan qabel isir xi incident."*

Is-Sindku spjega illi kien iltaqa mas-Sur Michael Cohen u ftehmu li jsiru 3 traffic calmers iktar wiesgħajn f'din it-triq. Huwa qal li waħda issir fil-liwja ftit l-isfel mil-luzzu, waħda ħdejn il-langustini u oħra hemm il-bollards.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7.9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud – isskondat mis-Sindku (030 – (25/11/19):**

*"Jipproponi li fil-passaġġ ta' bejn Triq il-Qaliet u Triq is-Salini Sqaq it-Torri jsiru sitt pots mdaqqsa biex jissebbaħ l-istess sqaq. Dan isir wara li tinzebaħ l-art ħamra u jkompli jitranġa d-dawl li qed jieħu ħsiebu il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri."*

Dan ix-xogħol diġa` beda jsir.

7.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri - isskondat mis-Sindku (031 – (26/11/19):**

*"Jipproponi li fi Triq iz-Zonqor u Triq San Ġorġ li hi parti mill "Village Core" jinbidlu d-dwal li hemm u minflok nagħmlu fanali bħal ma diġa għamilna fil-kumplament tal-qalba ta' Marsaskala , nissuġerixxi li nuzaw l-istess finanzjar bħal ma diġa sar fil-passat."*

Il-Kunsill qabel unanimament li nġibu stima u naraw nistgħux nitilizzaw il-fondi tal-UIF.

7.9.4 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri – issekonda il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar (032 – 9/12/19):**

*"Jipproponi li nsibu triq fil-periferija ez Triq Il-Blajjiet u nitolbu lis-sidien ta' l-għelieqi sabiex jirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ u kemm jista jkun ikunu skond il-liġi u mhux fejn m'hemmx ħajt u fejn hemm 6, 5 jew 4 filati. Dan għandu jħalli impatt pozittiv fid-dehra. Irridu nsibu kompromess sabiex dawn jiġu rrranġati kemm jista jkun malajr."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi insibu sidien l-art u nwaħlu avviżi mal-ħitan. Fl-avviż jingħata 3 ġimgħat sakemm jirrenġaw il-ħitan inkella jittieħdu passi ulterjuri.

7.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 9 ta' Diċembru 2019.

________________ ________________

**Josef Grech** **Mario Calleja**

Segretarju Ezekuttiv Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 7- it-Tmien Leġislatura.**